MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 392/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Robert Vella)**
**Vs**
**Crispino Delia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala
Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar it-28 ta' Marzu, 2009 ghall-habta ta' 14.00 hrs, f'tas-Sirena L/O Rabat, Malta
1. insulenta w hedded lil Vincent u Domenico ahwa Micallef bi kliem;
2. hebb ghal persuna ta' Domenico Micallef, sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu xi hsara;
3. hebb ghal persuna ta' Vincent Micallef u kkagunalhu griehi ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr. A. Bonello tal-Poliklinika tal-Mosta;

4. fid-29 ta' Marzu, 2009, gewwa l-Bahrija, f'xi hin matul il-gurnata, bi hsieb li jezercita xi dritt li jippretendi li ghandu w allura bi ksur ta' l-art. 85 tal-Kap. 9, qala' xi pajpijiet ta' l-ilma minn moghdija;
5. fit-30 ta' Marzu, 2009, gewwa l-Bahrija, ghall-habta ta' 05.00 p.m., bil-hsieb li jezercita xi dritt li jippretendi li ghandu w allura bi ksur ta' l-art. 85 tal-Kap. 9, qaccat pajp ta' l-ilma minn go passagg li jaghti ghall-ghelieqi tal-persuni Vincent u Domenic ahwa Micallef.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
tat-28 t'Ottubru, 2009, li biha, wara li rat l-Artikoli 85, 221(1), 339(1)(d)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-ewwel, tat-tieni, t-tielet u l-hames akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu w ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' mija w hamsin Euro (€150) filwaqt li ma sabitux hati tar-raba' akkuza stante li ma rrizultatx ippruvata w illiberatu minn din l-akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta' Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata fejn jibqghu konfermati l-ewwel u t-tieni akkuza izda talab li jigu varjati w revokati t-tielet, ir-raba' w il-hames akkuza, w dan taht dawk il-provvedimenti kollha opportuni w necessarji li din il-Qorti thoss li huma opportuni fic-cirkostanzi

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat l-aggravji tal-appellant li huma s-segwenti :-
1. illi ma ngabet ebda prova a rigward it-tielet akkuza f'liema akkuza l-Qorti tal-Magistrati (Malta) xorta wahda sabet lill-appellant hati meta lanqas ma gew prodotti xi ritratti w lanqas ma xehed it-tabib mediku A. Bonello sabiex jikkonferma tali griehi;
2. illi ma kien hemm ebda rapport ta' xejn, minghand l-imsemmija Vincent u Domenico ahwa Micallef fuq l-akkuzi erba' w hamsa rigward allegati incidenti ta' qtugh ta' pajpijiet fid-29 ta' Marzu 2009 u fit-30 ta' Marzu, 2009;
3. illi l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati ta' dawn iz-zewg akkuzi bin-numri 4 u 5 meta lanqas ma kienu

ghamlu rapport *“a tempo vergine”* l-istess kwerelanti meta huma jsostnu li raw lill-istess appellant iqaccat il-pajpijiet;
4. illi li kieku dawn huma l-verita’ tal-fatti, l-akkuza ma kienitx tinhareg xahar wara l-allegat incidenti w certament l-kwerelanti kienu jirraportaw dawn il-kazijiet immedjatament, kif irraportaw patafjun ta’ kazi ohra qabel dan l-incident, u dana peress li bejn l-appellant u l-kwerelanti hemm serje shiha ta’ incidenti bejniethom, fejn daqqa l-appellant ikun kwerelant u drabi ohra ikun akkuzat u l-istess ghall-ahwa Domenico u Vincent Micallef;
5. illi dan certament m’huwiex kredibbli w l-appellant ihossu aggravat fuq dawn l-akkuzi.

Rat il-verbal li bih il-partijiet lezi ddikjaraw li huma qeghdin fi stadju avvanzat ta’ trattattivi ta’ transazzjoni w li, biex ma jfixklux l-ezitu ta’ dawn it-trattattivi, mhux qed jinsistu ghall-konferma tal-piena pekunjarja imposta fuq l-appellant.

Rat il-verbal li bih l-appellant irrinunzja ghall-aggravji kollha tieghu dwar il-mertu w zamm ferm dak dwar il-piena.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi fic-cirkostanzi, ladarba issa dan l-appell qed jigi limitat ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti w ladarba l-istess partijiet iddikjaraw illi waslu fi stadju avvanzat ta’ trattattivi biex issir kompozizzjoni pacifika tal-vertenzji li ghandhom bejniethom, ma jkunx il-kaz li din il-Qorti, bil-konferma tas-sentenza dwar il-piena, tezaspera w igib fix-xejn dawn it-trattattivi.

Ghalhekk ikun iktar sagg li jkun hemm provvediment taht il-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet u tal-hames imputazzjoni w mhux hati

tar-raba’ imputazzjoni w tirrevokaha in kwantu kkundannatu jhallas multa ta’ mija w hamsin Ewro (€150) u minflok, bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tillibera lill-appellant bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------